

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-atti kkontestati ma kinux sproorzjonati.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 285, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1017/2012, tas-6 ta' Novembru 2012, li jimplementa l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 307, p. 7).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sección Tercera de la Audiencia Provincial de Castellón (Spanja) fis-27 ta' Novembru 2014 – Juan Carlos Sánchez Morcillo u María del Carmen Abril García vs Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, S.A.**

(Kawża C-539/14)

(2015/C 026/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Castellón

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Juan Carlos Sánchez Morcillo u María del Carmen Abril García

Konvenut: Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, S.A.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE <sup>(1)</sup>, moqri flimkien mal-Artikoli 47, 34(3) u 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni proċedurali bħall-Artikolu 695(4) tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili Spanjola (Ley de Enjuiciamiento Civil) li, fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw rikors kontra d-deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' beni ipotekati jew mogħtija b'rahan, tippermetti li jiġi ppreżentat appell biss mid-digriet li jiddeċiedi t-tmiem tal-proċedura, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' klawżola inġusta jew li tiġi miċħuda l-oppożizzjoni bbażata fuq in-natura inġusta ta' klawżola, li għandu bħala konsegwenza immedjata li l-bejjiegħ jew fornitur li jfittex l-infurzar ikollu iktar mezzi għal appell mill-konsumatur suġġett għall-infurzar?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kontratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

<sup>(2)</sup> ĠU C 326, p. 391

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2014 minn DK Recycling und Roheisen GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fis-26 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-630/13, DK Recycling und Roheisen GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-540/14 P)

(2015/C 026/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: DK Recycling und Roheisen GmbH (rappreżentanti: S. Altenschmidt u P.-A. Schütter, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

1. tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija fis-26 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-630/13, sa fejn il-kumplement tar-rikors huwa miċħud fil-punt 2 tad-dispożittiv;